SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

15 ta' Ottubru 2020*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Unjoni doganali – Regolament (KEE) Nru 2913/92 – Artikolu 78 – Artikolu 236(1) – Proċedura ta' importazzjoni – Reviżjoni tad-dikjarazzjoni doganali – Politika kummerċjali – Antidumping – Regolament ta' implimentazzjoni (UE) 2015/82 – Dazju antidumping definittiv – Impenn ta' prezz – Eżenzjoni – Artikolu 2(1) – Kundizzjoni ta' preżentazzjoni ta' fattura ta' impenn – Nuqqas li jissemma element elenkat fl-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82"

Fil-Kawża C-543/19,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Qorti tal-Finanzi ta' Hamburg, il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Lulju 2019, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Lulju 2019, fil-proċedura

Jebsen & Jessen (GmbH & Co.) KG

vs

Hauptzollamt Hamburg,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President tal-Awla, N. Piçarra, D. Šváby, S. Rodin, u K. Jürimäe Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Hogan,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Jebsen & Jessen (GmbH & Co.) KG, minn J. Sparr u S. Pohl, Rechtsanwälte,

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn G. Albenzio, avvocato dello Stato,

– għall-Kummissjoni Ewropea, inizjalment minn T. Maxian Rusche u N. Kuplewatzky, sussegwentement minn T. Maxian Rusche kif ukoll minn K. Blanck u A. Demeneix, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 tal-21 ta' Jannar 2015 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 u ta' rieżamijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU 2015, L 15, p. 8).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn Jebsen & Jessen (GmbH & Co.) KG u Haupzollamt Hamburg (l-Uffiċċju Doganali Prinċipali ta' Hamburg, il-Ġermanja, iktar' il quddiem l-"Uffiċċju Doganali") dwar talba għal eżenzjoni totali mid-dazju antidumping impost għan-nuqqas ta' preżentazzjoni ta' fatturi konformi, fis-sens tal-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Il-Kodiċi Doganali

3 L-Artikolu 62 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 (ĠU 2013, L 269, p. 1, iktar' il quddiem il-"Kodiċi Doganali"), jipprovdi:

"1. Dikjarazzjonijiet bil-miktub għandhom isiru fuq formula li tikkorrispondi mal-kampjun uffiċjali preskritt għal dak l-għan. Għandhom jiġu ffirmati u jkun fihom id-dettalji neċessarji għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija tkun dikjarata.

2. Id-dikjarazzjoni għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti kollha meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura doganali li għaliha l-merkanzija tkun dikjarata."

4 L-Artikolu 68 ta' dan il-kodiċi jipprovdi:

"Għall-verifika tad-dikjarazzjonijiet li jkunu aċċettaw, l-awtoritajiet doganali jistgħu:

(a) jeżaminaw id-dokumenti li jkopru d-dikjarazzjoni u d-dokumenti li jakkompanjawha. L-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu lid-dikjarant jippreżenta dokumenti oħra bil-għan li jivverifikaw l-eżattezza tad-dettalji li jkunu jinsabu fid-dikjarazzjoni;

[…]"

5 Skont l-Artikolu 77 tal-imsemmi kodiċi:

"1. Fejn id-dikjarazzjoni doganali ssir permezz ta' teknika ta' l-ipproċessar tad-data fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(b), jew b'dikjarazzjoni orali jew kull att ieħor fit-tifsira ta' l-Artikolu 61(ċ), l-Artikoli 62 sa 76 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* mingħajr preġudizzju għall-prinċipji stipulati hemmhekk.

2. Fejn id-dikjarazzjoni tad-dwana issir permezz ta' teknika ta' proċessar ta' dejta, l-awtoritajiet tad-dwana jistgħu jippermettu li d-dokumenti ta' akkumpanjament riferiti fl-Artikolu 62(2) ma jiġux ppreżentati mad-dikjarazzjoni. F'dan il-każ id-dokumenti għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet tad-dwana."

6 L-Artikolu 78 tal-istess kodiċi huwa fformulat kif ġej:

"1. L-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom jew fuq talba ta' min jagħmel id-dikjarazzjoni, jemendaw id-dikjarazzjoni wara l-ħelsien tal-merkanzija.

[…]"

3. Fejn reviżjoni tad-dikjarazzjoni jew eżami wara l-ħelsien tal-merkanzija jindika illi d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-proċedura ta' dwana involuta ġew applikati fuq il-bażi ta' informazzjoni skorretta jew mhux sħiħa, l-awtoritajiet doganali għandhom, skont kull dispożizzjoni stipulata, jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jirregolarizzaw is-sitwazzjoni, wara li tkun ikkunsidrata l-informazzjoni ġdida disponibbli għalihom."

7 L-Artikolu 201(1) tal-Kodiċi Doganali jipprovdi:

"Dejn doganali fuq l-importazzjoni għandu jiġi inkors permezz:

(a) tal-ħelsien għal ċirkolazzjoni libera ta' merkanziji soġġetti għal dazji fuq l-importazzjoni, jew

[…]"

8 L-Artikolu 236(1) ta' dan il-kodiċi jiddisponi:

"Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jitħallsu lura sakemm jiġi stabbilit li meta kien tħallas l-ammont ta' dawk id-dazji ma kienx legalment dovut jew li dak l-ammont iddaħħal fil-kontijiet bi ksur ta' l-Artikolu 220(2).

Dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jintbagħtu sakemm jiġi stabbilit li meta kienu ddaħħlu fil-kontijiet l-ammont ta' dawk id-dazji ma kienx legalment dovut jew li dak l-ammont iddaħħal fil-kontijiet bi ksur tal-Artikolu 220(2).

[…]"

Il-leġiżlazzjoni antidumping

– Ir-Regolament ta' Implementazzjoni 2015/82

9 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummisssjoni 2015/82 issostitwixxa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1193/2008 tal-1 ta' Diċembru 2008 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazji provviżorji imposti fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina.

10 Skont il-premessa 183, 184 u 186 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82:

"(183) Il-Kummissjoni, permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/87, aċċettat dawn l-offerti ġodda ta' impenn u ssostitwiet l-impenji fis-seħħ. L-offerti ġodda ta' impenn jeliminaw l-effetti ta' ħsara tad-dumping u jillimitaw b'mod suffiċjenti r-riskju taċ-ċirkomvenzjoni.

(184) Sabiex il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jissorveljaw b'mod effettiv il-konformità mal-impenji tal-kumpaniji, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju antidumping tingħata skont dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(i) il-preżentazzjoni ta' fattura tal-impenn, li hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi elenkati u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness;

[…]

(186) L-importaturi għandhom ikunu konxji li dejn doganali jista' jidħol fis-seħħ, bħala riskju normali tan-negozju, fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera hekk kif deskritt fil-premessi 184 u 185 hawn fuq anki jekk impenn offrut mill-manifattur li kienu qegħdin jixtru mingħandu, direttament jew indirettament, kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni."

11 Skont l-Artikolu 1(2) ta' dan ir-regolament ta' implementazzjoni, ir-rata tad-dazju antidumping definittiv applikabbli għall-prezz nett ħieles fil-fruntiera tal-Unjoni Ewropea, qabel id-dazju, hija stabbilita, fir-rigward tal-aċidu ċitriku u tas-citrate trisodique diidrat, immanifatturati minn Weifang Ensign Industry Co. Ltd (iktar 'il quddiem "Weifang"), stabbilita fiċ-Ċina, għal 33.8 %.

12 L-Artikolu 1(4) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni jipprovdi hekk kif ġej:

"Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti fis-seħħ dwar id-dazji doganali."

13 L-Artikolu 2 tal-istess regolament jipprovdi:

"1. L-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera li huma mogħnija b'fattura minn kumpaniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom tniżżlu fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/87, jiġu eżentati mid-dazju antidumping impost bl-Artikolu 1, bil-kundizzjoni li:

(a) ikunu mmanifatturati, mibgħuta u nħarġitilhom fattura direttament mill-kumpaniji msemmija lill-ewwel klijent indipendenti fl-Unjoni; u

(b) dawn l-importazzjonijiet għandhom fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament, u

(c) il-prodotti ddikjarati u ppreżentati lid-dwana jikkorrispondu bl-eżatt mad-deskrizzjoni li jkun hemm fuq il-fattura tal-impenn.

2. Fil-mument ta' aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera, jitqies li hemm dejn doganali:

(a) kull meta jkun stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li waħda jew iktar mill-kundizzjonijiet elenkati f'dan il-paragrafu mhumiex issodisfati […]".

14 L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jelenka l-elementi li għandhom jidhru fuq il-fattura kummerċjali li takkumpanja l-merkanzija li l-kumpannija tbigħ fl-Unjoni u li hija s-suġġett tal-impenn. Fost dawn l-elementi hemm b'mod partikolari, fil-punt 9 ta' din il-lista, l-isem tal-persuna responsabbli mill-kumpannija li ħarġet il-fattura kummerċjali u ffirmat id-dikjarazzjoni li ġejja:

"Jiena, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn l-Unjoni Ewropea tal-prodotti koperti minn din il-fattura qed isir fil-kamp ta' applikazzjoni u skont il-kondizzjonijiet tal-Impenn offruti minn [KUMPANIJA], u aċċettati mill-Kummissjoni Ewropea permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/87. Jiena niddikjara li l-informazzjoni mogħtija f'din il-fattura hija sħiħa u korretta."

15 Skont l-Artikolu 3, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/82 daħal fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2015.

– Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87

16 Il-premessa 11 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87 tikkjarifika:

"Biex il-Kummissjoni tkun tista' tissorvelja b'mod effettiv il-konformità tal-kumpaniji mal-impenji, meta t-talba għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera skont l-impenji titressaq quddiem l-awtorità doganali rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju antidumping tkun tiddependi fuq il-preżentazzjoni ta' fattura li jkun fiha għall-inqas it-tagħrif elenkat fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/82. Dan il-livell ta' tagħrif huwa wkoll meħtieġ sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jaċċertaw bi preċiżjoni suffiċjenti li l-konsenja tikkorrispondi mad-dokumenti kummerċjali. Meta l-ebda fattura bħal din ma tiġi ppreżentata, jew meta l-kundizzjonijiet l-oħra previsti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni msemmi hawn fuq ma jintlaħqux, minflok titħallas ir-rata xierqa ta' dazju antidumping."

17 Skont l-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni, l-impenn ta' Weifang, il-kumpannija Ċiniża li tesporta l-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ġie aċċettat.

18 L-Artikolu 2 tal-imsemmija deċiżjoni ta' implimentazzjoni jindika li d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/899/KE tat-2 ta' Diċembru 2008 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċedimenti tal-antidumping dwar l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2008, L 323, p. 62), hija mħassra.

19 Skont l-Artikolu 3, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/87 daħal fis-seħħ fit-23 ta' Jannar 2015.

Id-dritt Ġermaniż

20 L-Artikolu 8 taz-Zollverordnung (ir-Regolament Doganali), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, intitolat "Parteċipazzjoni fit-trażmissjoni elettronika tad-data", huwa fformulat kif ġej:

"Il-Ministeru Federali għall-Finanzi għandu jistabbilixxi, permezz ta' struzzjoni tal-proċedura, il-kundizzjonijiet […] li fihom il-formalitajiet li għandhom jiġu ssodisfatti bil-miktub isiru permezz ta' proċessi informatiċi […] Il-parteċipant huwa obbligat li josserva l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet stabbiliti fl-istruzzjoni tal-proċedura".

21 Il-punt 3.1.2 tal-Verfahrensanweisung zum IT-Verfahren ATLAS (Struzzjoni tal-proċedura dwar il-proċess informatiku ATLAS), fil-verżjoni tiegħu applikabbli għall-kawża prinċipali, intitolat "Preżentazzjoni ta' dokumenti fil-kuntest tal-provvista ta' data mill-parteċipant", jipprovdi:

"(1) B'applikazzjoni tal-Artikolu 77(2) tal-Kodiċi Doganali, il-parteċipant jista', meta jipprovdi d-data tiegħu, jastjeni milli jippreżenta d-dokumenti dwar id-dikjarazzjonijiet doganali msemmija fil-paragrafu 2. Il-parteċipant għandu madankollu jżomm dawn id-dokumenti għad-dispożizzjoni u jippreżentahom każ b'każ fuq talba tal-uffiċċjal responsabbli mill-isdoganament.

(2) Bħala prinċipju huwa possibbli li wieħed jastjeni milli jippreżenta d-dokumenti li ġejjin:

– id-dokumenti kummerċjali kollha (fatturi kummerċjali, fatturi relatati mal-merkanzija eċċ...) […]"

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

22 Permezz ta' kuntratti datati 9, 13 u 15/16 ta' Jannar 2015, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali u Weifang ftiehmu dwar il-kunsinna fl-Unjoni ta' 360 tunnellata ta' aċidu ċitriku għall-prezz ta' EUR 884.70 għal kull tunnellata.

23 Permezz ta' posta elettronika tat-22 ta' Jannar 2015, il-Kummissjoni informat lill-avukati ta' Weifang bil-pubblikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 u bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tal-istess jum.

24 Fit-30 ta' Jannar 2015, Weifang bagħtet it-360 tunnellata ta' aċidu ċitriku.

25 Permezz ta' tnax-il dikjarazzjoni doganali tal-10 u tal-11 ta' Marzu 2015, magħmula permezz ta' proċess informatiku, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ddikjarat l-importazzjoni ta' din il-merkanzija bil-għan li tiġi rrilaxxata f'ċirkulazzjoni libera, filwaqt li indikat tliet fatturi ta' Weifang, iddatati d-29 ta' Jannar 2015.

26 Qabel ma rrilaxxa l-merkanzija, l-uffiċċju doganali talab il-produzzjoni ta' dawn il-fatturi li kollha kienu jinkludu dikjarazzjoni li, għalkemm analoga għal dik prevista fil-punt 9 tal-lista li tinsab fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82, madankollu ma kinitx tirreferi għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87, iżda għar-Regolament Nru 1193/2008 u għad-Deċiżjoni 2008/899.

27 Iċ-ċertifikati ta' impenn għall-esportazzjoni konformi, ippreżentati insostenn tal-imsemmija fatturi, kienu wkoll isemmu din l-aħħar deċiżjoni.

28 Peress li l-fatturi ppreżentati ma kinux jagħmlu riferiment għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87, l-uffiċċju doganali rrifjuta li jagħti eżenzjoni mid-dazju antidumping u ssuġġetta l-importazzjonijiet għad-dazju antidumping ġenerali ta' 42.7 %.

29 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali kkontestat id-deċiżjonijiet ta' ċaħda tat-talba tagħha għal rimbors tad-dazji antidumping, billi ppreżentat tliet fatturi konformi kkoreġuti, datati 29 ta' Jannar 2015, li jsemmu r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87.

30 Permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Ġunju 2016, l-uffiċċju doganali laqa' t-talba tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha hija talbet, sussidjarjament, li tiġi applikata fil-konfront tagħha r-rata ta' dazju antidumping individwali.

31 Permezz ta' deċiżjoni tat-13 ta' Ġunju 2016, l-uffiċċju doganali ċaħad it-talba għal eżenzjoni mid-dazju antidumping, billi bbaża ruħu fuq il-fatt li l-fatturi ppreżentati flimkien mad-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkulazzjoni libera tal-merkanzija importata ma kinux jissodisfaw il-kundizzjonijiet formali previsti fl-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82, peress li kienu jsemmu d-Deċiżjoni 2008/899 minflok id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87.

32 L-Uffiċċju Doganali sostna li, fid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 kien fis-seħħ u li, sabiex tinkiseb l-eżenzjoni mid-dazju antidumping, kien determinanti li fil-fatturi tissemma l-bażi legali korretta.

33 Fit-18 ta' Lulju 2016, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali ppreżentat rikors quddiem il-qorti tar-rinviju, il-Finanzgericht Hamburg (il-Qorti tal-Finanzi ta' Hamburg, il-Ġermanja), sabiex tikseb ir-rimbors, skont l-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali, tad-dazju antidumping impost fuqha.

34 Għal dan il-għan, hija ssostni, billi tibbaża ruħha fuq is-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Tigers (C-156/16, EU:C:2017:754), li kien possibbli li ssir il-verifika tad-dikjarazzjoni doganali konformement mal-Artikolu 78 ta' dan il-kodiċi. Hija tikkunsidra li dan l-artikolu jawtorizza l-preżentazzjoni *a posteriori* ta' dokumenti u li l-preżenza ta' elementi żbaljati f'dikjarazzjoni doganali ma għandhiex effett meta jkun possibbli li jiġu ddeterminati ċ-ċirkustanzi ta' fatt fil-kuntest ta' verifika ta' din id-dikjarazzjoni mwettqa skont dan l-artikolu. Hija tirrileva li l-uffiċċju doganali stess jammetti li kontroll tad-dokumenti jseħħ biss wara l-aċċettazzjoni ta' tali dikjarazzjoni.

35 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tikkunsidra li, sabiex jiġi ddeterminat jekk il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni mid-dazju antidumping humiex issodisfatti, għandu jsir riferiment għall-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' xiri tal-merkanzija, li seħħ, f'dan il-każ, fix-xahar ta' Jannar 2015 skont il-prezzijiet minimi tal-importazzjoni kkomunikati mill-Kummissjoni fix-xahar ta' Diċembru 2014.

36 L-Uffiċċju Doganali jqis, min-naħa l-oħra, li l-kwistjoni fil-kawża prinċipali hija differenti minn dik li tat lok għas-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Tigers (C-156/16, EU:C:2017:754), li kienet tikkonċerna dazju antidumping speċifiku għall-impriża inkwistjoni f'dak iż-żmien. Huwa jenfasizza li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jeżiġi espressament li l-fattura ta' impenn għandha tiġi ppreżentata fid-data tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali. Huwa jirrileva li għalkemm, skont l-Artikolu 77(2) tal-Kodiċi Doganali, id-dokumenti rilevanti għal tali dikjarazzjoni jistgħu ma jiġux ippreżentati magħha, huma għandhom madankollu jinżammu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali, kif tipprovdi l-istruzzjoni tal-proċedura relatata mal-proċedura informatika ATLAS. Minn dan huwa jiddeduċi li l-kontroll tal-eżenzjoni mid-dazju antidumping għandu jsir abbażi tal-fattura msemmija fid-dikjarazzjoni doganali.

37 Il-qorti tar-rinviju tosserva li l-impenn il-ġdid meħud minn Weifang, ikkonkretizzat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87, kien validu fil-mument tal-importazzjoni tal-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

38 Hija tistaqsi jekk il-fatturi ppreżentati fil-kuntest tal-verifika tad-dikjarazzjoni doganali jissodisfawx il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 sabiex jitqiesu bħala fatturi konformi, filwaqt li l-kundizzjonijiet formali li jinsabu fil-punt 9 tal-lista li tinsab fl-anness ta' dan ir-regolament ta' implementazzjoni ma humiex manifestament issodisfatti.

39 Madankollu, hija tistaqsi dwar l-effett tal-prinċipju ta' proporzjonalità, li fir-rigward tiegħu regola fil-qasam tad-dazju antidumping għandha tiġi interpretata billi jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest tagħha u l-għanijiet tal-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti, peress li eċċezzjoni għandha tiġi interpretata b'mod strett biss sa fejn dan ikun neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet tagħha.

40 Għalhekk, f'dan il-każ, ikun sproporzjonat li tiġi rrifjutata l-eżenzjoni mid-dazju antidumping.

41 Barra minn hekk, hija tqis li l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 ma jindikax b'mod espliċitu l-mument li fih il-fatturi konformi għandhom jiġu ppreżentati.

42 Hija tqis li l-preżentazzjoni ta' dikjarazzjoni doganali permezz ta' proċessi informatiċi timplika li l-mument tal-aċċettazzjoni ta' din id-dikjarazzjoni ma jistax ikun l-aħħar mument sabiex jiġu ppreżentati dawn id-dokumenti, peress li d-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar dawn il-proċeduri jipprovdu biss li dawn għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet doganali.

43 Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra għalhekk li l-Artikolu 2(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jista' jinftiehem fis-sens li jistabbilixxi biss il-mument tat-tnissil tad-dejn doganali.

44 Hija tippreċiża li mill-prinċipju ta' proporzjonalità jista' jiġi dedott li ċerti indikazzjonijiet ta' fattura ta' impenn, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jistgħu jiżdiedu jew jiġu kkoreġuti *a posteriori*, sa fejn l-għan imfittex mil-leġiżlazzjoni antidumping ikun għadu jista' jintlaħaq.

45 Hija tistabbilixxi analoġija mal-interpretazzjoni tal-Artikolu 78 tal-Kodiċi Doganali mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Tigers (C-156/16, EU:C:2017:754), li tipprovdi li l-istruttura ta' dan l-artikolu tikkonsisti fl-allinjament tal-proċedura doganali mas-sitwazzjoni reali.

46 F'dawn iċ-ċirkustanzi il-Finanzgericht Hamburg (il-Qorti tal-Finanzi ta' Hamburg) iddeċidiet li tissospendi l-proċedimenti quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Għandu jiġi kkunsidrat li, fil-kundizzjonijiet tal-kawża prinċipali, l-eżenzjoni, skont l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni […] 2015/82, mid-dazju antidumping stabbilit bl-Artikolu 1 tal-istess regolament hija eskluża minħabba li fattura tal-impenn fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-regolament ma ssemmix id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni […] 2015/87 imsemmija fil-punt 9 tal-anness tal-istess regolament, iżda d-Deċiżjoni 2008/899/KE?

2) F'każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda: fattura tal-impenn li tissodisfa r-rekwiżiti tal-anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni […] 2015/82 tista' tiġi ppreżentata fil-kuntest ta' proċedura intiża għar-rimbors ta' dazji antidumping sabiex tinkiseb, konformement mal-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament, l-eżenzjoni mid-dazju antidumping stabbilit bl-Artikolu 1 tal-istess regolament?"

Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

47 Minħabba l-pandemija COVID-19, is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, prevista għas-6 ta' Mejju 2020 ġiet ikkanċellata.

48 Konsegwentement, permezz ta' deċiżjoni tal-20 ta' April 2020, il-mistoqsijiet li l-partijiet ġew mistiedna jwieġbu waqt is-seduta ġew ikkonvertiti f'mistoqsijiet bil-miktub.

49 Ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, il-Gvern Taljan u l-Kummissjoni għaldaqstant ġew mogħtija l-opportunità li jesprimu l-pożizzjoni tagħhom dwar il-kwistjonijiet kollha mqajma mir-rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

50 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 għandux jiġi interpretat fis-sens li importazzjonijiet ta' merkanzija jistgħu jiġu eżentati mid-dazju antidumping stabbilit fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni meta l-fattura ta' impenn neċessarja għall-kisba ta' tali eżenzjoni ssemmi, fid-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 9 tal-lista li tinsab fl-anness tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni, mhux id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87, iżda d-Deċiżjoni 2008/899.

51 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li eżenzjonijiet mid-dazji antidumping u mid-dazji kumpensatorji jistgħu jingħataw biss taħt ċerti kundizzjonijiet, f'każijiet speċifikament previsti, u għalhekk jikkostitwixxu eċċezzjonijiet għas-sistema normali tad-dazji antidumping u tad-dazji kumpensatorji. Id-dispożizzjonijiet li jipprevedu tali eżenzjonijiet huma, għalhekk, interpretati b'mod strett (sentenza tat-22 ta' Mejju 2019, Krohn & Schröder, C-226/18, EU:C:2019:440, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Għandu jitfakkar ukoll li r-riferiment għad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni li permezz tagħha ġie aċċettat impenn mill-Kummissjoni huwa ta' importanza partikolari fil-kuntest ta' regolament ta' implimentazzjoni li jippermetti l-eżenzjoni minn dazju antidumping minħabba tali impenn, sa fejn dan jippermetti lill-awtoritajiet doganali li jivverifikaw, fiż-żmien tal-fatti, li r-rekwiżiti kollha relatati mal-eżenzjoni tad-dazji antidumping u tad-dazji kumpensatorji kkonċernati huma ssodisfatti (sentenza tat-22 ta' Mejju 2019, Krohn & Schröder, C-226/18, EU:C:2019:440, punt 55).

53 Issa, l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jipprevedi li l-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera, iffatturati minn kumpanniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni u li huma ċċitati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87, huma eżentati mid-dazju antidumping stabbilit mill-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, sakemm ikunu akkumpanjati minn fattura ta' impenn, jiġifieri fattura kummerċjali li tinkludi tal-inqas l-elementi u d-dikjarazzjoni msemmija fl-Anness tal-imsemmi regolament.

54 F'dan ir-rigward, il-punt 9 tal-lista li tinsab fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jindika li fuq din il-fattura kummerċjali, stabbilita mill-kumpannija li assumiet tali impenji, għandha tidher dikjarazzjoni ffirmata mill-persuna responsabbli minnha, li tgħid li "l-bejgħ għall-esportazzjoni diretta lejn l-Unjoni […] tal-prodotti koperti minn din il-fattura qed isir fil-kamp ta' applikazzjoni u skont il-kondizzjonijiet tal-Impenn offruti minn [KUMPANIJA], u aċċettati mill-Kummissjoni […] permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/87".

55 Għalhekk, mill-kliem ta' dawn id-dispożizzjonijiet jirriżulta li l-eżenzjoni mid-dazju antidumping favur importazzjonijiet iffatturati minn kumpanniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni hija, b'mod partikolari, suġġetta għall-kundizzjoni formali li d-dikjarazzjoni li għandha tidher fil-fattura kummerċjali li takkumpanja l-merkanzija ddikjarata għar-rilaxx għal ċirkulazzjoni libera ssemmi l-fatt li din il-fattura tissodisfa t-termini tal-impenn offrut mill-kumpannija esportatriċi, kif aċċettat mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87.

56 Fir-rigward tal-kuntest tiegħu, l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jistabbilixxi waħda mill-kundizzjonijiet li fid-dawl tagħhom l-eżenzjoni mid-dazju antidumping stabbilit fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni tingħata meta l-importazzjonijiet joriġinaw minn waħda mill-kumpanniji li l-impenji ta' prezzijiet minimi tal-importazzjoni tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni.

57 L-Artikolu 2(2)(a) tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni jesponi l-konsegwenzi tal-assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2(1) tal-istess regolament ta' implimentazzjoni, billi jippreċiża li jitnissel dejn doganali fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1, li waħda jew iktar minn dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfatti.

58 F'dak li jirrigwarda l-għan tagħha, is-sistema ta' eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 u l-kundizzjonijiet li huwa jistabbilixxi għandhom bħala għan, kif jirriżulta mill-premessi 183 u 184 tiegħu u kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 36 tal-konklużjonijiet tiegħu, minn naħa, li jiġu eliminati l-effetti dannużi tad-dumping, billi jeżentaw mid-dazju antidumping previst minn dan ir-regolament ta' implimentazzjoni ċerti kumpanniji esportaturi, meta jkunu impenjaw ruħhom li jbigħu l-prodott, normalment suġġetti għal tali dazju antidumping skont dan ir-regolament, bi prezz minimu fl-Unjoni, u, min-naħa l-oħra, jillimitaw ir-riskju li jiġi evitat l-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni, billi dawn il-kumpanniji huma suġġetti għal ċertu numru ta' obbligi, b'mod li kemm l-importatur ta' dan il-prodott kif ukoll l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu jiddeterminaw li importazzjoni partikolari hija marbuta ma' impenn ta' waħda minn dawn il-kumpanniji, identifikati fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87.

59 Konsegwentement, din is-sistema ta' eżenzjoni u l-kundizzjonijiet tagħha ma għandhomx l-għan li jipproteġu l-interessi ta' importatur partikolari, iżda li jiżguraw protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma s-suġġett ta' dumping li jippreġudika l-interessi tal-impriżi tal-Unjoni, sabiex tiġi miġġielda l-kompetizzjoni żleali li tirriżulta minnha.

60 Għalhekk, minn interpretazzjoni kemm litterali kif ukoll kuntestwali u teleoloġika tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jirriżulta li n-nuqqas li tissemma d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87 fuq il-fattura msemmija fl-Artikolu 2(1)(b) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, jipprojbixxi lill-importatur tal-prodott ikkonċernat mill-istess regolament ta' implimentazzjoni milli jibbenefika mill-eżenzjoni mid-dazju antidumping prevista fl-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament, peress li tali fattura ma hijiex "konformi" fis-sens tal-ewwel waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet.

61 F'dan il-każ, mill-atti tal-proċess li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-fatturi ppreżentati fil-mument tal-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet doganali tal-merkanzija inkwistjoni fil-kawża prinċipali għar-rilaxx tagħha għal ċirkulazzjoni libera, jiġifieri fl-10 u fil-11 ta' Marzu 2015, ma kinux isemmu d-Deċiżjoni 2015/87, li taċċetta l-impenji offruti minn ċerti produttur-esportaturi Ċiniżi, fosthom dak li esporta din il-merkanzija, liema deċiżjoni kienet daħlet fis-seħħ, konformement mal-Artikolu 3 tagħha, fit-23 ta' Jannar 2015. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, tali fatturi ma humiex fatturi "ta' impenn" fis-sens tal-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82.

62 Barra minn hekk, il-fatt li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87 daħlu fis-seħħ ġimgħa jew ġimagħtejn wara l-iffirmar tal-kuntratti ta' bejgħ, iżda ġimgħa qabel l-ispedizzjoni tal-prodott ikkonċernat minn pajjiż terz lejn l-Unjoni, ma jistax jaffettwa l-kunsiderazzjoni li tinsab fil-punt preċedenti. Fil-fatt, mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dawn l-istrumenti ġuridiċi, il-kumpanniji esportatriċi huma obbligati li josservaw il-kundizzjonijiet stabbiliti mil-leġiżlazzjoni l-ġdida sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-iskema ta' eżenzjoni minħabba l-impenji aċċettati mill-Kummissjoni, iktar u iktar f'sitwazzjoni fejn il-Kummissjoni tkun informat lill-kumpannija esportatriċi inkwistjoni bl-adozzjoni ta' din il-leġiżlazzjoni l-ġdida qabel id-dħul fis-seħħ tagħha.

63 Konsegwentement, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li l-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 għandu jiġi interpretat fis-sens li importazzjonijiet ta' merkanzija ma jistgħux jiġu eżentati mid-dazju antidumping stabbilit fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament ta'

implimentazzjoni meta l-fattura neċessarja għall-kisba ta' tali eżenzjoni ssemmi, fid-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 9 tal-lista li tinsab fl-Anness tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni, mhux id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87, iżda d-Deċiżjoni 2008/899.

Fuq it-tieni domanda

64 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk fattura ta' impenn, li tinkludi l-elementi kollha elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82, tistax tiġi ppreżentata, għall-finijiet tal-kisba tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali, mibdija bil-għan tar-rimbors tad-dazji antidumping.

65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, skont l-Artikolu 236(1) tal-Kodiċi Doganali, dazji fuq l-importazzjoni jew dazji fuq l-esportazzjoni għandhom jitħallsu lura sakemm jiġi stabbilit li, meta kien tħallas l-ammont ta' dawn id-dazji ma kienx legalment dovut.

66 Barra minn hekk, l-Artikolu 78 ta' dan il-kodiċi jistabbilixxi proċedura li tippermetti lill-awtoritajiet doganali, fuq inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba tad-dikjarant, jemendaw id-dikjarazzjoni doganali wara r-rilaxx tal-merkanzija koperta minn din id-dikjarazzjoni, jiġifieri wara, li tkun saret din id-dikjarazzjoni.

67 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-leġiżlazzjoni doganali kollha kemm hija, kif stipulata b'mod partikolari fil-Kodiċi Doganali, hija applikabbli għad-dazji antidumping jew għad-dazji kumpensatorji biss jekk ir-regolamenti li jistabbilixxu dawn id-dazji jipprevedu dan (sentenza tat-22 ta' Mejju 2019, Krohn & Schröder, C-226/18, EU:C:2019:440, punt 33).

68 Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat jekk id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jippreveduxderoga mil-leġiżlazzjoni doganali jew jekk, għall-kuntrarju, skont dawn id-dispożizzjonijiet, huwiex possibbli li importatur jippreżenta, wara d-dikjarazzjoni doganali ta' prodotti importati u r-rilaxx tagħhom għal ċirkulazzjoni libera, fattura kummerċjali konformi, li tippermetti li tibbenefika minn eżenzjoni mid-dazju antidumping minħabba impenji meħuda mill-kumpannija li tesporta dawn il-prodotti u aċċettati mill-Kummissjoni.

69 L-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jipprovdi li "[l]-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera li huma mogħnija b'fattura minn kumpaniji li l-impenji tagħhom ġew aċċettati mill-Kummissjoni u li l-ismijiet tagħhom tniżżlu fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni […] 2015/87, jiġu eżentati mid-dazju antidumping impost bl-Artikolu 1, bil-kundizzjoni li […] dawn l-importazzjonijiet għandhom fattura tal-impenn li hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi u d-dikjarazzjoni stipulata fl-Anness ta' dan ir-Regolament".

70 Issa, l-istruttura ta' dan l-Artikolu 2(1)(b) timplika li l-eżenzjoni mid-dazju antidumping li huwa jipprevedi tista' tingħata biss, kif huwa indikat espressament, meta l-importazzjonijiet iddikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni libera jkunu akkumpanjati minn tali fattura ta' impenn. Kif issostni l-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, minn dan għandu jiġi dedott li, skont is-sens ta' din id-dispożizzjoni, din il-fattura għandha tiġi ppreżentata fil-mument tad-dikjarazzjoni tal-merkanzija lill-awtoritajiet doganali bil-għan tar-rilaxx tagħha għal ċirkulazzjoni libera.

71 F'dan ir-rigward, il-premessa 184 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 tippreċiża li, "[s]abiex il-Kummissjoni u l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jissorveljaw b'mod effettiv il-konformità mal-impenji tal-kumpaniji, meta t-talba għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali rilevanti, l-eżenzjoni mid-dazju antidumping tingħata skont dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin […] il-preżentazzjoni ta' fattura tal-impenn, li hija fattura kummerċjali li fiha tal-inqas l-elementi elenkati u d-dikjarazzjoni stipulati fl-Anness".

72 Barra minn hekk, il-premessa 11 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2015/87 tipprovdi li sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tiżgura li l-kumpanniji esportaturi josservaw l-impenji tagħhom, meta t-talba għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera titressaq quddiem l-awtorità doganali rilevanti skont l-impenji, l-eżenzjoni mid-dazju antidumping tiddependi fuq il-preżentazzjoni ta' fattura li jkun fiha tal-inqas l-informazzjoni elenkata fl-Anness għar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82. Din il-premessa żżid, b'mod partikolari, li dan il-livell ta' informazzjoni huwa wkoll meħtieġ sabiex l-awtoritajiet doganali jkunu jistgħu jivverifikaw bi preċiżjoni suffiċjenti li l-konsenja tikkorrispondi mad-dokumenti kummerċjali.

73 Għalhekk, l-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jeżiġi li l-fattura kummerċjali konformi li huwa jsemmi tkun ippreżentata fil-mument tad-dikjarazzjoni doganali tal-prodotti li hija tikkonċerna u mhux iktar tard.

74 Barra minn hekk, kif jirriżulta mill-punt 57 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 2(2) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni jislet espressament il-konsegwenzi tal-assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 2(1) tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni, billi jippreċiża li jitnissel dejn doganali fil-mument tal-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' rilaxx għal ċirkulazzjoni libera meta jiġi stabbilit, fir-rigward tal-importazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 1 ta' dan l-artikolu, li waħda jew iktar minn dawn il-kundizzjonijiet ma ġewx issodisfatti.

75 Dwar dan il-punt, il-premessa 186 tal-istess regolament ta' implimentazzjoni tistabbilixxi li t-tnissil ta' dejn doganali taħt tali kundizzjonijiet, li għandu jitħallas mill-importaturi jseħħ "anki jekk impenn offrut mill-manifattur li kienu qegħdin jixtru mingħandu, direttament jew indirettament, kien ġie aċċettat mill-Kummissjoni".

76 Fir-rigward tal-għan tal-kundizzjoni stabbilita mill-Artikolu 2(1)(b) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82, mill-punt 72 ta' din is-sentenza jirriżulta li din hija intiża, essenzjalment, sabiex tippermetti kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, minn naħa, li jiżguraw li, fil-mument tal-applikazzjoni għal rilaxx għal ċirkulazzjoni libera, il-kumpanniji esportatriċi josservaw l-impenji tagħhom u, min-naħa l-oħra, li jivverifikaw bi preċiżjoni suffiċjenti li l-importazzjonijiet jikkorrispondu għad-dokumenti kummerċjali.

77 Għaldaqstant, għandu jitqies li l-leġiżlazzjoni antidumping inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha portata differenti minn dik li ġiet eżaminata fis-sentenza tat-12 ta' Ottubru 2017, Tigers (C-156/16, EU:C:2017:754), li permezz tagħha ġie deċiż li l-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 412/2013 tat-13 ta' Mejju 2013 li jimponi dazju antidumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' oġġetti taċ-ċeramika li jintużaw fuq il-mejda u fil-kċina li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2013, L 131, p. 1), kellu jiġi interpretat fis-sens li jipprojbixxi lill-importaturi kkonċernati milli jippreżentaw fattura kummerċjali posterjorament għad-dikjarazzjoni doganali.

78 Fil-fatt, l-Artikolu 1(3) tar-Regolament ta' Implementazzjoni Nru 412/2013 ma kienx jipprevedi l-mument li fih il-fattura kummerċjali kellha tiġi ppreżentata lill-awtoritajiet doganali, billi kien sempliċement jipprovdi li "[l]-applikazzjoni tar-rati individwali tad-dazju antidumping speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha sseħħ bil-kundizzjoni li tkun ippreżentata lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri fattura kummerċjali valida, li għandha tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness II."

79 Minn dak kollu li ntqal jirriżulta li r-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82 jinkludi dispożizzjoni, jiġifieri l-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, li, skont l-Artikolu 1(4) tiegħu, jidderoga espressament mid-dispożizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tad-dazji doganali, fosthom, b'mod partikolari, l-Artikoli 78 u 236 tal-Kodiċi Doganali.

80 Konsegwentement, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li fattura ta' impenn, li tinkludi l-elementi kollha elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82, ma tistax tiġi ppreżentata, għall-finijiet tal-kisba tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 236 tal-Kodiċi Doganali, mibdija bil-għan li jinkiseb rimbors tad-dazji antidumping.

Fuq l-ispejjeż

81 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 2(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/82 tal-21 ta' Jannar 2015, li jimponi dazju antidumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 u ta' rieżamijiet interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tal-imsemmi regolament, għandu jiġi interpretat fis-sens li importazzjonijiet ta' merkanzija ma jistgħux jiġu eżentati mid-dazju antidumping stabbilit fl-Artikolu 1 ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni meta l-fattura neċessarja għall-kisba ta' tali eżenzjoni ssemmi, fid-dikjarazzjoni msemmija fil-punt 9 tal-lista li tinsab fl-Anness tal-imsemmi regolament ta' implimentazzjoni, mhux id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/87 tal-21 ta' Jannar 2015 li taċċetta l-impenji offruti b'konnessjoni mal-proċediment antidumping li jikkonċerna l-importazzjonijiet tal-aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, iżda d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-2 ta' Diċembru 2008 li taċċetta l-impenji offruti b'rabta mal-proċediment tal-anti-dumping dwar l-importazzjonijiet ta' aċidu ċitriku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.**

2) **Fattura ta' impenn, li tinkludi l-elementi kollha elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni 2015/82, ma tistax tiġi ppreżentata, għall-finijiet tal-kisba tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 2(1) ta' dan ir-regolament ta' implimentazzjoni, fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 236 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità, kif emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 952/2013 tad-9 ta' Ottubru 2013, mibdija bil-għan li jinkiseb rimbors tad-dazji antidumping.**

Firem